MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 340/2012/1

**Snoop Company Limited**

**Vs**

**Blye Engineering Company Limited**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-02 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-industrial extractor fan mixtri mis-socjeta' rikorrenti minghand dik intimata kien kolpit b'difetti mohbija u/jew ma kienx skond il-kwalita' miftehma u/jew ma kienx adatt ghall-uzu li ghalih gie mixtri liema uzu kienet taf bih minn qabel is-socjeta' intimata.*

*Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti in segwitu ghall-fatt li l-extractor fan waqaf jahdem ftit xhur wara li nxtara bil-konsegwenza li r-restaurant gestit mis-socjeta' rikkorrenti Badass gewwa t-Teatru l-Antik il-Belt kien kostrett ma jservix iktar ikel sakemm l-extractor fan jew jigi rrangat jew jigi addirittura mibdul jew rimpjazzat b'wiehed gdid mis-socjeta' intimata, haga li din tal-ahhar ghadha sal-lum ma twettqitx u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.*

*Konsegwentament tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lil dik rikorrenti s-somma li tigi hekk likwidata.*

*Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lil dik rikorrenti l-prezz li tal-ahhar hallset biex tixtri l-extractor fan kif fuq imsemmi u cioe' s-somma ta' €967.27, ossia li tikkonsenja lis-socjeta' rikorrenti minghajr ebda hlas extractor fan identiku ghal dak mixtri u li ma jkunx difettuz kif kien ta' qablu.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji, tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment mal-prezentata ta' dan l-avviz, bl-imghaxijiet legali u ghal dak li jirrigwarda l-ahhar wahda bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data ta' rifuzjoni ta' dak l-ammont jew tal-*

*konsenja ta' extractor fan simili bla hlas sakemm dan jigi fornut u bl-ingunzjoni tas-socjeta' intimata ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Blye Engineering Company Limited li giet ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2012 fejn eccepiet:*

*1. "Li mhux minnu dak li ddikjarat ir-rikorrenti li l-industrial extractor fan li hija xtrat minghand l-eccipjenti kellu xi difetti mohbija u/jew ma kienx tal-kwalita' miftehma u/jew ma kienx adatt ghall-uzu li ghalih inxtara.*

*2. Infatti, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, meta l-fan in kwistjoni, bi ftehim mas-socjeta' rikorrenti, intbaghat lura ghand il-kumpanija Taljana Marzorati Srl, li timmanifattura l-istess fans, instab li dan kien beyond economical repair tort principalment ta' uzu hazin u nuqqas ta' manutenzjoni; u konsegwentement li l-garanzija relattiva ma tapplikax meta dak li jkun gara jkun dovut ghal accidental damage, misuse, lack of maintenance or appropriate protection.*

*3. Illi fic-cirkostanzi kwalsiasi danni li allegatament sofriet is-socjeta' rikorrenti mhux risponsabbli ghalihom is-socjeta' eccipjenti izda l-istess rikorrenti.*

*4. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti, kemm ghall-hlas tad-danni u kemm ghar-rimpjazzjament bla hlas tal-imsemmi extractor fan jew ir-rimborz tal-prezz relattiv ghandhom jigu michuda, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra."*

***Matthew Marshall** xehed bil-lingwa Ingliza tradotta ghall-Malti mill-Qorti fid-9 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa kariga ta' Direttur Manigerjali mas-socjeta' attrici liema socjeta' topera restorant gewwa l-Belt Valletta bl-isem "Street". Huwa kkonferma li xi sena qabel kienu*

*xtraw extractor fan mis-socjeta' konvenuta. Sussegwentement huma nstallaw dan l-extractor fan fil-bini taghhom.*

*Ix-xhud spjega li dan il-fan hadem ghal perjodu ta' sitta jew tmien xhur. Huma xtraw dan il-fan ghall-prezz ta' ftit iktar minn elf ewro jekk ma kienx sejjer zball. Sussegwentement dan il-fan beda jahdem hazin u s-sistema tad-ducking bdiet tixxejkja. Ghalhekk huma ghamlu kuntatt mas-socjeta' konvenuta fejn infurmawhom li kien hemm problema bil-fan. Fil-fatt kien il-handyman Godwin li ghamel kuntatt ma' din il-kumpanija.*

*Ghall-ewwel is-socjeta' konvenuta ikkoperat maghhom u qalet li ma kinitx problema u kienu lesti li jiccekjaw il-fan. Huma hadu iehor ghal xi xahrejn, huma baqghu icemplu lil Blye izda ma gara xejn. Darba tal-Blye qalilhom li l-fan kienu baghtuh l-Italja biex jara xi hsara kellu imma mbaghad baqghu ma semghu xejn. Ix-xhud sostna li huma baqghu minghajr risposta ghalkemm qalulhom li kien krucjali ghalihom. Sahansitra marru fil-hanut tas-socjeta' konvenuta fejn qalulhom li ma setghux jahdmu minghajr dan l-extractor fan. Sussegwentement huwa kkuntatja lis-socjeta' konvenuta u tkellem ma' wahda mara li generalment tiehu hsieb il-problemi tal-klijenti. Din kienet hadet xahrejn leave qabel u meta kellimha hi qaltlu li kienet l-ewwel darba li semghet b'din il-problema. Hija kienet talbet apologija ghas-servizz hazin li kienu nghataw. Pero' meta rega' tkellem maghha, hija dehret li ma riditx titkellem fuq hekk.*

*Sussegwentament is-socjeta' konvenuta kellmithom u qaltilhom li l-hsara kienet tort tas-socjeta' attrici ghax ma kinux ghamlulu service fi zmien sitt xhur. Ix-xhud sostna li dan ma jaghmilx sens ghax huma xoghlhom fuq dawn l-affarijiet. Mill-mument li nqala' l-inkwiet, huma zarmaw il-fan fuq talba tas-socjeta' konvenuta u haduhulhom lura mill-ewwel.*

*Ix-xhud sostna li l-fan baqghu ma haduhx lura. Fl-ahhar huma qatghu qalbhom u xtraw u nstallaw wiehed gdid. Huwa stqarr illi ma jistghux*

*joperaw minghajr dan l-extractor fan. Il-kcina taghhom hija in linea mar-restorant u naturalment meta' jibda t-tisjir, ir-riha ha tidhol fir-restorant. Huma ghalqu r-restorant ghal xi tliet xhur u nofs sakemm xtraw l-extractor fan il-gdid. Ix-xhud ipprometta li se jesebixxi rendikont tal-hsara fis-seduta sussegwenti.*

***Godwin Pullicino*** *xehed fit-30 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa mpjegat mas-socjeta' attrici u jahdem bhala foreman u bhala haddiem tieghu. Huwa spjega li r-restorant gestit mis-socjeta' attrici maghruf bl-isem ta' Badass gewwa Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt kellu bzonn extractor ghall-kcina tieghu. Ix-xhud ghalhekk ghamel tfittxija biex jara minn fejn jistghu jixtru dan l-extractor u spiccat ghand is-socjeta' konvenuta. Huma kellhom extractor li kien tajjeb ghad-daqs taghhom u bi prezz tajjeb u sussugwentament xtrah. Huwa fil-fatt kien spjega lis-socjeta' konvenuta kemm kien gholi l-bini in kwestjoni, u l-qies tad-ducting. Dan peress illi l-mutur tal-extractor irid ikun komparat mad-ducting ezistenti. Fil-fatt ghamlulu suggeriment ta' extractor, u huma qaghdu fuqhom u xtraw dan l-extractor. Huwa fil-fatt tkellem mal-inginier taghhom u staqsieh xi domandi dwar il-variable speed, u qallu li ma jihux variable speeds, pero' nonostante dan kien xorta jghodd ghalihom. Dan l-extractor gie nstallat mix-xhud flimkien ma' xi haddiema tax-xhud. Huma bdew juzawh u stqarr li fil-bidu dan beda jahdem.*

*Huwa tenna li huma xtraw dan l-extractor fil-bidu tas-sena 2012 u f'Lulju tal-istess sena bdew jisimghu storbju kbir fid-ducting. Huma telghu fuq il-bejt biex jaraw x'kien gara u sabu li l-mutur ghandu xaft li jdawwar u nqasmet ic-cavetta u l-post minn fejn iddawwar din ir-rota. Ix-xhud qala' dan l-extractor u mar bih ghand is-socjeta' konvenuta, fejn ghamel complaint. Kien hemm tfajla mad-desk u qaltlu li l-imghallem taghha kien imsiefer pero' huwa halla dan l-extractor hemmhekk, u wara beda jcempel u mar fl-ufficini taghhom biex jara x'ser isir minnu l-extractor, u t-tfajliet li jkun hemm front office dejjem kienu jghidulu li ma kellhomx risposta. Huwa qatt ma' ltaqa' mas-sinjur li kien hemm prezenti fl-awla ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.*

*Sussugwentement dawn it-tfajliet kienu tawh in-numru tat-telefon tal-imghallem taghhom u beda jcempillu wkoll. Ix-xhud tkellem mieghu u qallu li kellu jara x'fih. In segwitu beda jerga' jcempillu pero' ma bdewx jirrispondu t-telefonati. Ix-xhud rega' mar personalment ghand il-Blye Engineering u qalulu li kienu baghtu dan l-extractor fan barra minn Malta. L-imghallem tax-xhud beda jistaqsih x'kien gara minn dan l-extractor ghax nel frattemp kienu bir-restorant maghluq. Ir-restorant taghhom huwa diviz fi tnejn fejn iservu l-ikel, ghax fuq jaghti ma' Triq it-Teatru l-Antik u l-parti ta' isfel tinfed ghal triq Strada Stretta. Il-kcina tinsab mal-parti ta' isfel, u l-bieb tal-kcina jaghti ghal kamra tar-restorant u peress li kien hemm hafna fumes u dawn bdew johorgu barra, fir-restorant ma setghux iservu l-ikel lin-nies.*

*Ix-xhud sostna li sal-ahhar ta' Settembru ma kellhom l-ebda risposta minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk iddecidew li jixtru extractor iehor. Dan it-tieni extractor inxtara minghandu wkoll. Pero' fil-fatt kien ha parir li kellu jaghmel retarder starter sabiex jistartja bil-mod. Fil-fatt huwa kien ha parir mhux mis-socjeta' konvenuta izda minghand terzi persuni. B'dan ghalhekk il-mutur ikollu soft starting, biex b'hekk il-mutur idur bil-mod sakemm jaqbad u jiehu l-ispeed tieghu. Lilhom meta kienu xtraw l-ewwel extractor is-socjeta' konvenuta ma qaltilhom xejn dwar din is-sistema tas-soft starter. It-tieni extractor ghadu jahdem sal-lum minghajr problemi.*

*In kontro-ezami x-xhud stqarr li effettivament bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm xi kambju ta' korrespondenza. Huwa pero' din il-korrespondenza qatt ma' raha. Skond ma' kien qallu l-imghallem tieghu, lil Blye Engineering kien qallu li l-extractor kien qieghed jissewwa. Sal-lum il-gurnata x-xhud ma jafx li s-socjeta' Blye Engineering tat xi raguni ghaliex mar l-ewwel extractor.*

***Matthew Marshall** rega' xehed bil-lingwa Ingliza tradott ghall-lingwa Maltija mill-Qorti fit-30 ta' Jannar 2013 fejn ghamel referenza ghax-xhieda tieghu tad-9 ta' Jannar 2013 u xtaq jikkjarifika parti minnha u*

*cioe' li huwa kien baqa' jipprova jcempel lis-socjeta' konvenuta. Huwa spjega li ghall-ewwel huma kienu jwiegbu t-telefonati tieghu, pero' sussegwentement huma ma kinux jirrisponduh.*

*Ix-xhud iddikjara li f'Lulju huma rritornaw l-ewwel extractor li kienu xtraw minn ghandhom u kienu xtraw extractor iehor fix-xahar ta' Settembru u cioe' xahrejn wara. Is-socjeta' konvenuta kienet spjegatlu li l-extractor kien spicca bil-hsara ghax ma kienx sarlu service. Pero' fl-opinjoni tax-xhud extractor ma jigrilux hsara fi zmien sitt xhur izda jservu ghal hafna snin sakemm ma jkollhomx xi difett. Dan huwa qed jghidu mill-esperjenza tieghu ta' tliet restoranti ohrajn.*

*Mistoqsi ghaliex huwa xtara t-tieni extractor minn Blye Engineering, huwa spjega li huwa ghamel ir-ricerka tieghu u skond parir li nghata mill-inginiera, huwa kellu jaghmel soft starter mal-extractor. Anke jekk jirrizulta li l-extractor ikollu l-istess difett, huma ma jkollhomx l-istess problema ghax ir-rota ma ddurx bl-istess sahha. Din kienet l-ewwel darba li huma uzaw soft starter ma' extractor fan fuq rakkomandazzjoni li kellhom li ma kienx ser ikollhom l-istess problema. Ix-xhud qal illi d-ducting li ghamlu fir-restorant kien ghal dan il-mudell specifiku u li kieku kellhom imorru ghand kumpanija ohra, kien ikollhom jibdlu d-ducting system kollu. Huwa stqarr li peress li l-ispiza kienet kbira u peress li kienu qed jitilfu l-flus, iddecidew li jixtru l-istess mudell. Huwa sostna li peress li ma kellhomx risposta mis-socjeta' konvenuta huma ma kellhomx ghazla hlief li jiehdu decizjoni huma. Qal li meta huwa cempel lil tal-Blye, huwa ma rrispondihx ghax gharfu izda meta x-xhud cempel minn telefon iehor, huwa rrisponda.*

*Ix-xhud hass li ma kellhux ghalfejn jiehu parir minghand l-inginiera tieghu qabel ma jinstalla l-ewwel extractor ghax kien ha l-parir mis-socjeta' konvenuta. Sa fejn kien jaf ix-xhud, il-handyman installa l-ewwel extractor skond il-kundizzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta. Huwa ma kienx prezenti meta l-handyman tieghu u s-socjeta' konvenuta kkomunikaw bejniethom. Is-socjeta' konvenuta kienet taghat il-parir*

*taghha meta x-xhud kien qata' qalbu li kienu ha jikkomunikaw maghhom. Dan sar qabel ma nxtara t-tieni extractor.*

*Ix-xhud ikkonferma li huwa kien jaf li l-kumpanija kienet maghluqa fl-Italja. Huwa ddikjara li l-esperjenza tieghu mas-socjeta' konvenuta kienet dizastru totali. Filfatt il-mara li kienet fir-reception tas-socjeta' konvenuta u li tiehu hsieb il-customer service talbet skuza ghas-servizz hazin. Din il-mara kienet ghadha kemm giet lura minn vaganza ta' xahar. Ix-xhud iprometta illi permezz ta' nota, jezebixxi d-dokumenti kollha li gew skambjati bejn iz-zewg kumpaniji.*

**Matthew Marshall** *rega' xehed bil-lingwa Ingliza tradotta ghal-lingwa Maltija mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2013 u esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dokument CSH. Spjega li f'dan id-dokument hemm indikazzjoni dwar il-bejgh li ghamlu minn mindu inkiser l-extractor ghal ftit ta' zmien wara. Ikkonferma li fir-raba' kolonna ta' dan id-dokument hemm is-sales, liema kolonna giet immarkata bl-Ittra 'X' mill-Qorti. Tenna li fir-rigward tax-xahar ta' Gunju stqarr li l-bejgh kien sejjer tajjeb izda sussegwentement f'nofs ix-xahar ta' Gunju l-extractor kien inkiser. Sussegwentement fix-xhur ta' Lulju u Awwissu u nofs Settembru meta l-extractor kien ghadu ma ssewwiex is-sales ma kinux tajbin. Huwa jattribwixxi dan il-fatt billi jghid li r-restaurant dak iz-zmien kien maghluq minhabba li ma kellux l-extractor fan jopera.*

*Mistoqsi ghaliex allura hemm indikat xorta f'dan id-dokument li effettivament sar xi bejgh meta r-restaurant kien maghluq jghid li l-post kellu l-bar u dawk is-sales gew registrati minn fuq il-bar. Qal li l-extractor fan rega' gie nstallat fl-ahhar ta' Settembru meta s-sales regghu bdew joghlew b'mod drammatiku. Allura argumenta li jekk tqis il-bejgh li sar f'Settembru u tattribwihom ghax-xhur ta' Gunju jkun hemm deskripanza bejn wiehed u iehor ta' xi erbghin elf (40,000 euro). Issa jekk tiehu l-average cost ta' restaurant, food and labour jghid li dawn jigu xi madwar hamsin fil-mija (50%) u ghalhekk jikkontendi li bejn wiehed u iehor tilef xi ghoxrin elf ewro (20,000 ewro). Qal li kieku huma komplew jahdmu*

*b'mod regolari minn Gunju il-bejgh naturalment kien jizdied aktar. Qal li ghalkemm isostni li sofra xi ghoxrin elf huwa kien qed jirriduci t-talba tieghu ghal dak l-ammont li jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti.*

*Rat il-verbal tal-partijiet kif registrat fl-atti u appuntu fil-verbal datat 3 ta' Lulju 2013 fejn inghad is-segwenti:*

*"Dr. Grima ghas-socjeta' attrici jiddikjara illi nonostante illi d-danni li sofriet is-socjeta' attrici huma ghola mis-somma massima tal-kompetenza ta' din il-Qorti l-istess socjeta' qed tillimita t-talba taghha sal-massimu ta' din il-kompetenza.*

*Dr Louis Vella ghas-socjeta' konvenuta jeccepixxi l-inkompetenza tal-Qorti stante li tali restrizzjoni jew limitazzjoni trid tkun l-avviz fil-mument tal-presentazzjoni u mhux skuza li s-socjeta' attrici ma kinitx taf kemm kien l-ammont ghaliex qabel jew fil-mument tal-avviz harget mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta konvenuta li jammonta ghal ghaxart elef ewro (€10,000)."*

***Ikkunsidrat:***

*Illi din hija kawza ghal rizarciment ta' danni "da liquidarsi" in konsegwenza tal-fatt li s-socjeta' attrici ma setghetx topera r-restorant taghha l-Belt Valletta ghal certu zmien peress li kellha l-extractor fan li xtrat minghand is-socjeta' konvenuta ma jahdimx.*

*Pero' din is-sentenza ser tinghata biss fuq l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza ratione valoris kif hemm registrat fl-istess verbal tat-3 ta' Lulju 2013 (fol. 23 ta l-atti).*

*Illi dwar il-kwistjoni ta' inkompetenza rationiae valoris wiehed irid jirreferi ghall-**Artikolu 746 et sequitur tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolari ghall-kaz de quo wiehed jirreferi ghall-**Artikolu 748** li jiddisponi illi:-*

*"Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba -*

*a. meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata;*

*b. meta it-talba hija ghal haga li l-valur taghha huwa determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew b' xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulhadd, jew bil-prezz korrenti."*

*Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, is-sentenza "**Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997) sostniet li bhala regola "il-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha". (vide anke f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Prim'Awla fl-ismijiet '**Woodline Ltd. vs Forsite Design & Project Management Services Ltd'**).*

*Illi ma' dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-A**rtikolu 753 (2)** li jiddisponi li "meta t-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni".*

*Illi hekk fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**" (A.I. (J.S.P) 31 ta' Lulju 1996) gie deciz illi:*

*"Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro l-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512.). Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi l-kompetenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili l-kompetenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat".*

*Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-allegat obbligazzjoni tal-konvenut u tas-socjeta` konvenuta obbligata ma tistax tittiehed b'mod izolat u limitat ghall-bilanc li l-attur qed jipprettendi li verament ghandu jiehu minghandhom, u dan ghaliex wahdu dan ma ghandu l-ebda rilevanza ghall-kwistjoni ta' kompetenza fuq il-principji fuq stabbiliti w affermati mill-gurisprudenza nostrali.*

*Fil-kaz odjern l-obbligazzjoni tas-socjeta' konvenuta, kif hekk del resto qed jigi esplorat u dibattut minn din il-Qorti, ma hix izolata u limitata biss ghall-bilanc reklamat mis-socjeta' attrici imma l-kwistjoni hija ta' bilfors, "ope exceptionis", trid tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier. Li jfisser li n-negozju kollu u l-ammont kollu tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet jehtieg li jigi approfondit u mhux l-ammont ridott li tal volta qed jitolbu (vide "*__**Antonia Attard Gialanze –vs- Rita Borg**__*", Appell, 23 ta' Frar 2001; "*__**Joseph Cassar –vs- Air Malta Co. Ltd.**__*", Appell, 22 ta' Novembru 1996).*

*F'din il-kawza Matthew Marshall jghid li effettivament huwa jemmen li d-danni li sofra jammontaw ghall-ghoxrin elf ewro (€20,000) pero' minkejja dan huwa lest li jaccetta kwalsiasi ammont li din il-Qorti tista' tillikwida. Sabiex il-Qorti tasal sabiex tara jekk fil-fatt hemm xi danni li s-socjeta' attrci sofriet ikollha tidhol u tezamina l-obligazzjoni kollha ezistenti bejn il-partijiet u tezamina l-accounts sabiex b'hekk tkun f'posizjoni li tasal ghall-*

*ammont li semmai jista' jkun dovut. Il-Qorti ma tistax taqbad u tqis il-fatt li hija marbuta bl-ammont ta' hdax il-elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) u ghalhekk tillikwida dak l-ammont a sua sponte arbitrio boni viri. L-ezercizzju li l-Qorti trid taghmel huwa aktar minn hekk. F'dan il-kaz is-socjeta' attrici kienet taf kemm kienu d-danni li kienet qed titlob u dan ghaliex l-ezercizzju kellu jsir minnha a bazi tal-accounts mizmuma minnha. Ghalhekk f'dan il-kaz, din il-kawza kellha tigi intavolata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili a bazi ta' dak mitlub minnha u sussegwentement jekk riedet, setghet tirrinunzja ghal ammont minnu. Din mhix kwistjoni fejn kellhom isiru xi xoghlijiet u l-ispiza gholiet aktar mill-valur li jaqa' taht il-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati izda mill-bidu nett is-socjeta' attrici kellha f'idejha l-accounts u ghalhekk kienet f'posizzjoni li tirregola hi stess fejn kellha tintavola l-kawza. Din mhix kwistjoni fejn bniedem jaghzel fejn ghandu jintavola kawza izda kwistjoni fejn bniedem jintavola l-kawza quddiem dik il-Qorti li ghandha l-gurisdizzjoni li tismaghha. Din hija kwistjoni ta' procedura li ghandha tigi segwita dejjem. F'din il-kawza l-Qorti jkollha tezamina l-accounts kollha tas-socjeta' attrici liema accounts qua valur jeccedu l-ammont li jaqa' fil-gurisdizzjoni taghha sabiex tkun f'posizzjoni li tillikwida d-danni sofferti.*

*Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li hija m'ghandhiex kompetenza rationae valoris sabiex tiddeciedi din il-kawza u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.*

*L-ispejjez a karigu tas-socjeta' attrici".*

Illi l-appellanti socjeta Snoop Company Limited appellat mill-imsemmija sentenza essenzjalment fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:

1. Enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi maghmula mill-Ewwel Qorti meta iddeciediet illi t-talba attrici kienet tezorbita il-kompetenza taghha *rationae valoris* billi d-danni reklamati mis-socjeta appellanti ma jeccedux il-kompetenza ta'l-Ewwel Qorti fejn l-ammont pretiz kien qed jigi definit mill-istess socjeta appellanti fis-somma ta' €10000. Inoltre l-azzjoni ghad-danni kienet wahda ibbazata fuq *culpa* u mhux danni *ex contractu* u ghalhekk l-istess socjeta kellha kull dritt tiddettermina hija stess l-ammont ta' danni minnha reklamati, li jista' ikun wiehed inqas minn dak attwalment soffert minnha.

2. Id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti kienet wahda *ultra petita* billi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata ma kenitx tirreferi ghal wahda ta' kompetenza izda kienet titratta nuqqas procedurali illi is-socjeta rikorrenti naqqset milli tindika fl-avviz illi it-talba kienet ghal somma li ma teccediex il-kompetenza ta'l-Ewwel Qorti *rationae valoris* u cioe' li ma teccediex il-€11625 izda iddikjarat l-istess f'wahda mis-seduti quddiem dik l-istess Qorti. Fl-ebda hin ma kienet imsejjah l-Ewwel Qorti sabiex tiddeciedi fuq il-kompetenza taghha *rationae valoris*.

Illi dina l-vertenza sabet it-twelid taghha wara ix-xhieda ta' Matthew Marshall rappresentant tas-socjeta appellanti li fil-kors tax-xhieda tieghu jissottometti illi mil-konteggi li saru irrizultalu illi d-danni sofferti mis-socjeta tieghu konsegwenza tal-fatt illi r-*restaurant* tieghu kellu jinzamm maghluq ghal xi zmien minhabba il-fatt illi l-*extractor fan* supplit mis-socjeta intimat ma kienx jiffunzjona, telghu ghas-somma ta' madwar €20000. Wara dina l-istqarrija id-difensur tal-istess socjeta attrici iddikjara illi ghalkemm d-danni lahhqu dana l-

ammont, madanakollu t-talba qed tigi limitata sal-massimu tal-kompetenza ta'l-Ewwel Qorti.

Illi kien ghalhekk f'dan l-istadju illi is-socjeta intimata ghamlet is-segwenti verbali li ser jigi riprodott *verbatim* u dana in vista tat-tieni aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti li dina il-Qorti thoss li ghandu jigi trattat qabel ma' tigi itrattata il-lanjanza l-ohra billi l-ezitu ta'l-istess jista' jincidi fuq dana l-appell:

"**Dr. Grima ghas-socjeta attrici jiddikjara illi nonostante illi d-danni li soffriet is-socjeta attrici huma ghola mis-somma massima tal-kompetenza ta' din il-Qorti l-istess socjeta qed tillimita t-talba taghha sal-massimu ta' din il-kompetenza.**

**Dr. Louis Vella ghas-socjeta konvenuta jeccepixxi l-inkompetenza tal-Qorti stante illi tali restrizzjoni jew limitazzjoni trid tkun fl-avviz fil-mument tal-presentazzjoni u mhux skuza li s-socjeta attrici ma kinitx taf kemm kien l-ammont ghaliex qabel jew fil-mument tal-avviz harget mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta konvenuta li jammonta ghal ghaxart elef ewro**.[1]"

Illi l-Ewwel Qorti interpretat dina l-eccezzjoni bhala waha ta' inkompetenza *rationae valoris* u ghaddiet sabiex taghmel il-gudikat taghha in tema ta'l-istess. Illi s-socjeta appellanti tilmenta illi l-eccezzjoni moghtija ma kellhiex tigi interpretata f'dana is-sens billi mid-dicitura tal-verbal ghandu jirrizulta illi dak li kienet qed tilmenta minnu is-socjeta intimata huwa in-nuqqas procedurali da

[1] Ara verbal a fol.23 tal-process

parti taghha milli tindika mal-bidunett tal-proceduri fl-avviz, l-ammont mitlub u li ma setat qatt tindika dana l-ammont fl-istadju inoltrat tal-proceduri.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma’ dana l-aggravvju ghaliex fil-verbal hemm imnizzel car u tond illi qed tigi sollevata l-eccezzjoni ta’l-inkompetenza tal-Qorti u id-dicitura li issegwi hija biss spjega ta’ dak li riedet tfisser is-socjeta intimata b’tali eccezzjoni u dana in konnessjoni mal-valur li issa gie dikjarat mis-socjeta rikorrenti u li kien qed jintalab permezz tal-presenti proceduri. Dana jista’ biss ifisser illi l-eccezzjoni ta’l-inkompetenza sollevata hija wahda *rationae valoris* billi huwa dan li kien qed jigi dibattut wara li is-socjeta attrici iddikjarat illi qed tillimita it-talba taghha ghall-ammont ta’ €10000. Illi finalment l-artikolu 774(b) tal-Kap.

12 jiddisponi illi l-inkompetenza *rationae valoris* tista’ tigi sahansitra imressqa ‘il quddiem *ex officio* mill-Qorti meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta’ kompetenza ta’ dik il-qorti. F’dan is-sens allura dina l-Qorti ma tarax illi d-decizjoni ta’l-Ewwel Qorti kienet wahda *ultra petita* u ghalhekk dana l-aggravju qed jigi michud.

Sorvolata ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk id-decizjoni tal-Qorti kenitx wahda kif minnha hekk mitlub mill-partijiet fid-dawl tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta appellata, jifdal biex jigi determinat, ghalhekk, jekk l-ewwel aggravvju tas-socjeta appellanti jisthoqqx akkoljiment.

Illi minn qari tat-talba ghandu jirrizulta illi il-kawza imressqa ‘il quddiem mis-socjeta rikorrenti tikkontenji zewg talbiet separati u cioe’ fl-ewwel lok ir-rifuzjoni tal-prezz imhallas ghal-*extractor fan* mibjugh u ikkonsenjat, billi dan ma kienx tal-kwalita pattwita, fl-ammont ta’ €967.27 u fit-tieni lok likwidazzjoni ta’ danni sofferti mis-socjeta attrici konsegwenzjali ghal dana il-bejgh “difettuz” u dana billi in-negozju kellu jinghalaq gjaldarba ma kienx attrezzat b’*extractor fan* skond il-ligi. Illi il-likwidazzjoni tad-danni ghalhekk huwa ezercizzju matematiku li irid isir billi jigi ikkakolat it-telf li setghet soffriet is-socjeta ghal perijodu li l-hanut inzamm maghluq. Fil-fatt jidher illi huwa dan l-ezercizzju li sar abbazi ta’ komparazzjoni bejn ix-xhur fejn il-hanut kien qed jopera kemm bhala *bar* kif ukoll bhala *restaurant* u ix-xhur meta kellu jopera biss il-*bar* billi ir-restaurant ma setax jinfetah minhabba li ma kellux *exctractor fan* jiffunzjona.

Illi fil-fehma tal-Qorti, allura, d-danni ma kenux *da liquidarsi* u kwindi it-talba ma kenitx wahda b’valur indeterminat billi s-socjeta attrici setghet fácilment tasal sabiex tistabbilxxi permezz ta’ valutazzjoni ekonomika kemm kien it-telf taghha ghal perijodu ta’ zmien illi r-*restaurant* inzamm maghluq u ma setax jopera u dana sahansitra sa minn qabel ma giet intavolata l-kawza.  Jekk il-valur ma jissemmeix fit-talba attrici ma igibx, fih innifsu biss, li dik il-kawza hija wahda ta’ valur incert jekk dak il-valur huwa determinabbli.

“Gjaldarba il-valur ta’l-oggett fil-kawza huwa determinat mit-talba (art.748 Kap.12) id-domandi kif koncepiti huma skond disposizzjonijiet ohra tal-ligi procedurali suxxettibbli ta’ valutazzjoni ekonomika u ghalhekk ma jistghux lanqas jigu ikkunsidrati bhala li huma ta’ valur indeterminat.”

L-artikolu 748 tal-Kapitolu 12 jitkellem dwar dan meta jinghad:

Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-

(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta’ somma determinata;

(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f’xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta’ kulħadd, jew bil-prezz kurrenti.

Isewgi jiddisponi l-artikolu 761:

“Fil-każijiet kollha mhux ikkontemplati fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu, il-valur inċert jista’ jiġi determinat bi stima ta’ periti jew b’dikjarazzjoni tal-attur li huwa lest biex jaċċetta somma ta’ flus minflok il-ħaġa li jkun hemm kwistjoni fuqha.”

Dina id-disposizzjoni tal-ligi ghalhekk tittalja perfettament mal-kaz in dizamina billi is-socjeta rikorrenti issa appellanti iddikjarat illi t-talba taghha ghad-danni hija limitata ghall-ammont ta’ €10000, u dana ghalkemm mill-valutazzjoni ekonomika maghmula minnha l-ammont tad-danni ilahhqu ghal hafna iktar.

L-Ewwel Qorti, madanakollu, fid-decizjoni taghha tishaq illi sabiex tidhol biex tinvestiga jekk it-talba ghad-danni hijiex wahda misthoqqa u gustifikata, hija necessarjament ser tezamina provi u dokumenti fejn  necessarjament il-valur ser jeccedi il-kompetenza taghha. Tghid hekk l-Ewwel Qorti:

"**Fil-kaz odjern l-obligazzjoni tas-socjeta konvenuta, kif hekk del resto qed jigi esplorat u dibattut minn din il-Qorti, ma hix izolata u limitata biss ghall-bilanc reklamat mis-socjeta attrici imma l-kwistjoni hija ta' bilfors "ope exceptionis", trid tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier. Li jfisser li n-negozju kollu u l-ammont kollu tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet jenhtieg li jigi approfondit u mhux l-ammont ridott li tal volta qed jitolbu.**"

Illi dina l-Qorti mal-ewwel tirrimarka illi l-uniku negozju ezistenti bejn il-partijiet kien wiehed ta' kompro-vendita ta' *extractor fan* li kien jammonta ghal valur ta' madwar elf ewro. It-tieni talba imressqa mis-socjeta appellanti hija wahda ghad-danni naxxenti minn bejgh ta' oggett difettuz, liema ammont qed jigi cirkoskritt kif diga inghad ghas-somma ta' €10000. L-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta intimata, imbaghad, jirrigwardaw fl-ewwel lok n-negozju imsemmi ta' bejgh, u n-nuqqas ta' responsabbilita' minn naha taghha ghad-danni. Sabiex l-Qorti tezamina jekk is-socjeta appellata ghandhiex tahti ghad-danni konsegwenzjali ghal bejgh ta' *extractor fan* allegatament difettuz, ma hux necessarju illi jigi mistharreg l-ammont eventwalment dovut ghat-telf soffert. Fl-eventwalita illi t-talba ghad-danni hija wahda gustifikata, allura l-Qorti tista' tasal biex tillikwida biss sal-valur mitlub. Ma jidhirx ghalhekk illi mill-parametri tat-talba u wisq anqas mill-eccezzjonijiet sollevati li qed tigi ezawtorata l-kompetenza tal-Ewwel Qorti.

Huwa pacifikament accettat illi l-*kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini ta' l-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tesercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha*; **Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et ( Appell - 7 ta' Ottubru 1997).**

Illi dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Joseph Vella vs Joseph Lautier"** (A.C. – 3 ta' Dicembru 2004) fejn inghad li:-

*"***Il-kompetenza rationae valoris tiddependi mill-att ta' citazzjoni. Ghalhekk meta c-citazzjoni tikkontjeni talba li taqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti xorta tibqa' kompetenti anke jekk jigi likwidat ammont li jkun barra mill-margni tal-kompetenza tal-Qorti"**.

Izda gie stabbilit illi dina r-regola ghandha tinqara fid-dawl ta'l-eccezzonijiet sollevati meta inghad: -

"**Dan anke ghaliex, kif drabi ohra rilevat, il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut. Dan jista' jigri fejn il-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza ta'l-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika materja li minhabba x-xorta ta'l-azzjoni tkun teccedi l-kompetenza taghha. … Jokkorri ghalhekk f'sitwazzjonijiet konsimili illi wiehed jezamina l-fatti "che hanno dato origine al giudizio per**

**determinare se l'attore abbia voluto proporre un'azione piuttosto che un'altra" (Vol XVII pII p26)"**[2].

Illi dina l-Qorti ma tistax taqbel ghalhekk ma'l-ewwel Qorti illi n-negozju intrapriz bejn il-partijiet kien jeccedi il-valur tal-kompetenza taghha billi huwa pacifiku illi l-valur ta'l-*exctractor fan* ma kienx jeccedi l-elf ewro. Inoltre lanqas ma tista' dina l-qorti taqbel illi l-kompetenza hija eradikata *ope excepitionis* billi ma hemm l-ebda eccezzjoni moghtija mill-socjeta intimat illi tinneccesita investigazzjoni mill-Ewwel Qorti illi ukoll b'xi mod tezorbita dak li hija mitluba biex tistharreg u cioe' fl-ewwel lok jekk l-oggett mibjugh kienx tal-kwalita pattitwa u fl-eventwalita li l-oggett kien difettuz jekk is-socjeta intimata ghandhiex twiegeb ghat-telf konsegwenzjalment soffert mis-socjeta rikorrenti minhabba f'dan il-fatt. Jekk it-talba attrici tigi milqugha l-likwidazzjoni ma ghandhiex teccedi il-valur ta' €10000 billi huwa sa dan l-ammont li is-socjeta rikorrenti qed taccetta u ghalhekk il-provi necessarjament iridu jillimitaw rwiehom ghal dan il-valur, minghajr ma isir indagini ulterjuri mill-Qorti dwar ammonti ohra li jistghu jeccedu s-somma ta' €10000 kif mitlub.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, filwaqt li tichad it-tieni aggravvju sollevat mis-socjeta attrici, tilqa l-ewwel aggravvju, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tal-inkompetenza *rationae valoris*. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-mertu taghha u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

---

[2] **Paul Borg et vs Jane Vassallo** (A.I.C. (PS) – 15 ta' Dicembru 2003 - 782/01/PS). Ara ukoll World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited (P.A, 01/04/2003)

L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti procedura jitbatew mis-socjeta konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------